

Linji gwida dwar is-Sistema ta' Governanza

Linji gwida dwar is-Sistema ta' Governanza

1. Introduzzjoni

- 1.1. Skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (minn hawn 'il quddiem "ir-Regolament EIOPA")¹, l-EIOPA qiegħda toħroġ dawn il-Linji Gwida indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji dwar kif għandhom jipproċedu bl-applikazzjoni tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assiguazzjoni u tar-riassigurazzjoni (minn hawn 'il quddiem "Solvibbiltà II")².
- 1.2. Dawn il-Linji Gwida huma bbażati fuq l-Artikoli 40 sa 49, l-Artikolu 93, l-Artikolu 132 u l-Artikolu 246 tas-Solvibbiltà II u fuq l-Artikoli 258 sa 275 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35 tal-10 t'Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE ("ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni 2015/35")³.
- 1.3. Ir-rekwiżiti dwar is-sistema ta' governanza għandhom l-għan li jiddisponu għal immaniġġjar sod u prudenti tan-negozju tal-imprezzi mingħajr ma jillimitawhom bla bżonn fl-għażla tal-istruttura organizzattiva proprja tagħhom, dment li jstabilixxu segregazzjoni xierqa tad-dmirijiet.
- 1.4. Tal-anqas l-erba' funzjonijiet inklużi fis-sistema ta' governanza, jiġifieri l-ġestjoni tar-riskju, il-konformità, il-funzjoni attwarja u l-funzjoni tal-awditjar intern, huma meqjusa bħala funzjonijiet prinċipali u, konsegwentament, funzjonijiet importanti jew kritiċi wkoll. Barra minn hekk, persuni jkunu meqjusin bħala persuni li għandhom funzjonijiet prinċipali jekk iwettqu funzjonijiet ta' importanza speċifika għall-imprezza minħabba n-negozju u tal-organizzazzjoni tagħha. Dawn il-funzjonijiet prinċipali addizzjonali, jekk ikun hemm, jiġu identifikati mill-imprezza, imma d-determinazzjoni dwar jekk dawn il-funzjonijiet għandhomx jitqiesu prinċipali jew le tista' tiġi kkontestata mill-awtorità superviżorja.
- 1.5. Dawn il-Linji Gwida jipprovdu aktar dettalji dwar għadd ta' kwistjonijiet fir-rigward tal-politika dwar ir-rimunerazzjoni, inkluż dwar kif ikun magħmul il-kumitat tar-rimunerazzjoni.
- 1.6. Ir-rekwiżiti ta' idoneità japplikaw għall-persuni kollha li effettivament imexxu l-imprezza jew li għandhom funzjonijiet prinċipali oħrajn sabiex ikun żgurat li l-persuni kollha li għandhom funzjonijiet rilevanti fl-imprezza jkunu kkwalfikati kif xieraq. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti għandu l-għan li jevita lakuni fejn persuni importanti għall-imprezza ma jkunux koperti, fil-waqt li jaċċetta li jista' jkun hemm sovrapożizzjoni konsiderevoli bejn persuni tal-maniġment superjuri

¹ ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48.

² ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

³ ĠU L 12, 17.01.2015, p. 1.

li jitqiesu li effettivament imexxu l-impriża, u detenturi ta' funzjonijiet prinċipali oħrajn.

- 1.7. Ir-rekwiżiti ta' notifika japplikaw biss għal persuni li effettivament imexxu l-impriża jew li huma detenturi ta' funzjonijiet prinċipali, għall-kuntrarju ta' persuni li għandhom jew li jwettqu funzjoni prinċipali. F'każ ta' esternalizzazzjoni ta' funzjoni prinċipali jew ta' esternalizzazzjoni ta' parti minn funzjoni, liema parti tkun meqjusa prinċipali, il-persuna responsabbli titqies li tkun dik li tissorvelja l-esternalizzazzjoni fil-impriża.
- 1.8. Il-punt tat-tluq tal-Linji Gwida dwar il-ġestjoni tar-riskju huwa li sistema adegwata ta' ġestjoni tar-riskju teħtieġ sett effettiv u effiċjenti ta' miżuri integrati li jinkwadraw tajjeb fl-organizzazzjoni u l-attività operattiva tal-impriża. M'hemm l-ebda sistema waħda ta' ġestjoni tar-riskju adattata għall-impriżi kollha; is-sistema trid tkun imfassla għall-impriża individwali.
- 1.9. Minkejja li l-valutazzjoni interna tar-riskju u s-solvenza (minn hawn 'il quddiem "ORSA") hija parti mis-sistema tal-ġestjoni tar-riskju, il-Linji Gwida korrispondenti jiġu stabbiliti separatament.
- 1.10. Waqt li jissemmew il-mudelli interni b'rabta mar-responsabbiltajiet tal-funzjoni tal-ġestjoni tar-riskju, b'mod ġenerali, il-Linji Gwida dwar is-sistema ta' governanza ma jindirizzawx kwistjonijiet speċifiċi relatati mal-mudell intern.
- 1.11. L-Artikolu 132 tas-Solvibbiltà II jintroduċi l-prinċipju tal-"persuna prudenti" li jinkludi dispożizzjonijiet dwar kif l-impriżi għandhom jinvestu l-assi tagħhom. In-nuqqas ta' limiti regolatorji dwar l-investimenti ma jfissirx li l-impriżi jistgħu jieħdu deċiżjonijiet dwar l-investment mingħajr ma jagħtu kas tal-prudenza u tal-interessi tad-detenturi ta' polza. Ir-rekwiżiti tas-Solvibbiltà II u r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni 2015/35 ikopru b'mod estensiv uħud mill-aspetti ewlenin tal-prinċipju tal-persuna prudenti, bħalma huma l-ġestjoni tal-assi u l-obbligi, l-investment fid-derivattivi, il-ġestjoni tar-riskju ta' likwidità u l-ġestjoni tar-riskju tal-konċentrazzjoni. Għaldaqstant, l-intenzjoni ta' dawn il-Linji Gwida mhijiex li jkomplu jiżviluppaw dawn l-aspetti, imma li jiffokaw fuq l-aspetti li fadal tal-prinċipju tal-persuna prudenti.
- 1.12. Fir-rigward tal-funzjoni attwarja, dawn il-Linji Gwida jiffokaw fuq x'għandu jsir mill-funzjoni attwarja, iktar milli fuq kif għandha titwettaq. Billi l-għan li jkun hemm funzjoni attwarja huwa li din tipprovdi miżura ta' garanzija tal-kwalità permezz ta' pariri attwarji tekniċi esperti, huwa importanti b'mod speċjali li tiġi stabbilita gwida teknika speċifika dwar il-kompiti, ir-responsabbiltajiet u aspetti oħra tal-funzjoni attwarja.
- 1.13. Bħalissa, f'xi Stati Membri teżisti l-istituzzjoni ta' "attwarju responsabbli/maħtur". Billi l-"attwarju responsabbli/maħtur" mhuwiex previst mis-Solvibbiltà II, huwa f'idejn l-awtoritajiet supervizzorji kkonċernati li jiddeċiedu dwar jekk iżommux l-"attwarju responsabbli/maħtur" jew le, u dwar kif dan jirrelata mal-funzjoni attwarja. Madankollu, din il-kwistjoni mhijiex indirizzata taħt dawn il-Linji Gwida.
- 1.14. Il-Linji Gwida dwar l-esternalizzazzjoni huma msejsa fuq il-prinċipju li l-impriża trid tiżgura li tibqa' responsabbli b'mod sħiħ mit-twettiq tal-obbligi kollha

tagħha meta testernalizza kwalunkwe funzjoni jew attività. B'mod partikolari, hemm miżuri stretti u rigorużi li l-impriża trid tissodisfa jekk din testernalizza funzjoni jew attività kritika jew importanti. B'mod partikolari, impriża trid tqis b'mod xieraq il-kontenut tal-ftehim bil-miktub mal-fornitur ta' servizz.

- 1.15. L-esternalizzazzjoni fost l-impriżi ta' grupp mhix neċessarjament differenti mill-esternalizzazzjoni esterna. Din tista' tippermetti proċess ta' selezzjoni aktar flessibbli, iżda ma għandhiex titqies li awtomatikament teħtieġ inqas attenzjoni u sorveljanza mill-esternalizzazzjoni esterna.
- 1.16. Il-Linji Gwida japplikaw kemm għal impriżi individwali kif ukoll, mutatis mutandis, fuq il-livell ta' grupp. Barra minn hekk, għall-gruppi japplikaw Linji Gwida speċifiċi għal gruppi.
- 1.17. L-implimentazzjoni tar-rekwiżiti ta' governanza fuq il-livell ta' grupp għandhom jinftehemu bħala li jkun hemm fis-seħħ sistema ta' governanza b'saħħitha applikata għal entità ekonomika koerenti waħda (viżjoni ħolisitika) li tinkludi l-entitajiet kollha li jiffurmaw parti minn dak il-grupp.
- 1.18. Is-Solvibbiltà II tirrikjedi li l-impriżi kollha tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni fi grupp ikollhom fis-seħħ sistema ta' ġestjoni tar-riskju u sistema ta' kontroll intern u li dan ir-rekwiżit jiġi applikat b'mod koerenti fil-grupp. Madankollu, mill-perspettiva tal-ġestjoni tar-riskju ta' grupp u tal-governanza, il-grupp u s-superviżur tal-grupp iridu wkoll iqisu r-riskji li jinħolqu minn entitajiet oħrajn li jkunu parti mill-grupp.
- 1.19. Meta l-Linji Gwida jirreferu għal entitajiet li jkunu parti mill-grupp, b'mod ġenerali, dawn jirreferu għal impriżi tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, imma wkoll għall-entitajiet l-oħrajn kollha li jiffurmaw parti mill-grupp.
- 1.20. Ir-rekwiżiti ta' governanza fil-livell tal-grupp iqisu r-responsabbiltajiet tal-governanza korporattiva kemm tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju fil-livell tal-grupp, jiġifieri l-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, tal-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew tal-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa, kif ukoll tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju ta' entitajiet legali li jiffurmaw parti mill-grupp.
- 1.21. Għall-fini ta' dawn il-Linji Gwida, ġew żviluppjati dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:
 - "persuni li effettivament imexxu l-impriża" ikopru membri tal-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju li jieħdu inkonsiderazzjoni l-liġi nazzjonali, kif ukoll membri tal-maniġment superjuri. Dawn tal-aħħar jinkludu persuni impjegati mill-impriża li jkunu responsabbli għat-teħid ta' deċiżjonijiet f'livell għoli u għall-implimentazzjoni tal-istrateġiji mfassla u tal-politiki approvati mill-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju;
 - "persuni li għandhom funzjonijiet ewlenin oħrajn" jinkludu l-persuni kollha li jwettqu dmirijiet relatati ma' funzjoni ewlenija;
 - "detenturi ta' funzjonijiet prinċipali" huma l-persuni responsabbli minn funzjoni ewlenija għall-kuntrarju ta' persuni li għandhom, li jagħmlu jew li jwettqu funzjoni ewlenija.

- 1.22. Jekk mhumiex iddefiniti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini jkollhom it-tifsira ddefinita fl-atti ġuridici msemmija fl-introduzzjoni.
- 1.23. Il-Linji Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016.

Linja Gwida 1 - Il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju (AMSB)

- 1.24. Il-korp amministrattiv, maniġerjali jew superviżorju (minn hawn 'il quddiem l-"AMSB" għandu jkollu interazzjoni xierqa ma' kwalunkwe kumitat li jistabbilixxi kif ukoll mal-maniġment superjuri u ma' persuni li għandhom funzjonijiet ewlenin oħrajn fl-impriża, billi b'mod proattiv jitlob mingħandhom informazzjoni rilevanti u jikkontesta dik l-informazzjoni fejn ikun meħtieġ.
- 1.25. Fil-livell tal-grupp, l-AMSB tal-impriża tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni, tal-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew tal-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa għandu jkollu interazzjoni mal-AMSB tal-entitajiet kollha fi ħdan il-grupp li jkollhom impatt materjali fuq il-profil tar-riskju tal-grupp, billi b'mod proattiv jitlob informazzjoni u jikkontesta deċiżjonijiet f'materji li jistgħu jaffettwaw il-grupp.

Linja Gwida 2 – Struttura organizzattiva u operattiva

- 1.26. L-impriża għandu jkollha strutturi organizzattivi u operattivi maħsuba biex jappoġġjaw l-oġettivi strateġiċi u l-operazzjonijiet tal-impriża. Dawn l-istrutturi għandhom jiġu adattati għal bidliet fl-oġettivi strateġiċi, fl-operazzjonijiet jew fl-ambjent tan-negozju tal-impriża f'perjodu xieraq ta' żmien.
- 1.27. Fil-livell tal-grupp, l-AMSB tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, tal-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew tal-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa għandu jivvaluta kif bidliet fl-istruttura tal-grupp jaffettwaw il-qagħda finanzjarja tal-impriża milquta tal-grupp u jagħmel l-aġġustamenti neċessarji fi żmien xieraq.
- 1.28. Sabiex jieħu miżuri xierqa, l-AMSB tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, tal-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew tal-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta għandu jkollu għarfien xieraq tal-organizzazzjoni korporattiva tal-grupp, tal-mudell tan-negozju tal-entitajiet differenti tiegħu u tar-rabtiet u r-relazzjonijiet ta' bejniethom, u tar-riskji li jirriżultaw mill-istruttura tal-grupp.

Linja Gwida 3 – Deċiżjonijiet sinifikanti

- 1.29. L-impriża għandha tiżgura li kwalunkwe deċiżjoni sinifikanti tal-impriża tinvolvi mill-inqas żewġ persuni li effettivament imexxu l-impriża qabel ma tiġi implimentata d-deċiżjoni.

Linja Gwida 4 - Dokumentazzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda fil-livell tal-AMSB

- 1.30. L-impriża għandha tiddokumenta b'mod xieraq id-deċiżjonijiet meħuda fil-livell tal-AMSB tal-impriża u kif l-informazzjoni mis-sistema ta' ġestjoni tar-riskju ttieħdet inkonsiderazzjoni.

Linja Gwida 5 – Allokazzjoni u segregazzjoni tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet

1.31. L-impriża għandha tiżgura li d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet jiġu allokati, issegregati u kkoordinati skont il-politiki tal-impriża u li jiġu riflessi fid-deskrizzjonijiet tad-dmirijiet u r-responsabbiltajiet. L-impriża għandha tiżgura li jiġu koperti d-dmirijiet importanti kollha u li jiġu evitati d-dupplikazzjonijiet bla ħtieġa. Għandha titrawwem kooperazzjoni effettiva bejn il-persunal.

Linja Gwida 6 - Reviżjoni interna tas-sistema ta' governanza

1.32. L-AMSB tal-impriża għandu jiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni u l-frekwenza tar-reviżjonijiet interni tas-sistema ta' governanza, billi jqis in-natura, l-iskala u l-komplessità tan-negozju kemm fil-livell individwali u kemm fil-livell ta' grupp, kif ukoll l-istruttura tal-grupp.

1.33. L-impriża għandha tiżgura li l-kamp ta' applikazzjoni, is-sejbiet u l-konklużjonijiet tar-reviżjoni jiġu ddokumentati u rrapportati b'mod xieraq lill-AMSB tagħha. Sistemi ta' reazzjonijiet adattati huma meħtieġa biex ikun żgurat li jittieħdu u jiġu rreġistrati azzjonijiet ta' segwitu.

Linja Gwida 7 – Politiki

1.34. L-impriża għandha tallinja flimkien, u mal-istrateġija tan-negozju tagħha, il-politiki kollha meħtieġa bħala parti mis-sistema ta' governanza. Kull politika għandha tal-inqas tistabbilixxi b'mod ċar:

- a) il-miri tal-politiki;
- b) il-kompiti li għandhom jitwettqu u l-persuna jew ir-rwol responsabbli minnhom;
- c) il-proċessi u l-proċeduri ta' rappurtar li għandhom ikunu applikati;
- d) l-obbligu tal-unitajiet organizzattivi rilevanti li jinfurmaw il-ġestjoni tar-riskju, l-awditjar intern u l-funzjonijiet ta' konformità u dawk attwarji dwar kwalunkwe fatt rilevanti għat-twettiq ta' dmirijietom.

1.35. Fil-politiki li jkopru l-funzjonijiet ewlenin, l-impriża għandha tindirizza wkoll il-pożizzjoni ta' dawn il-funzjonijiet fi ħdan l-impriża, u d-drittijiet u s-setgħat tagħhom.

1.36. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa għandha tiżgura li l-politiki jiġu implimentati b'mod konsistenti fil-grupp. Barra minn hekk, hija tiżgura li l-politiki tal-entitajiet tal-grupp huma konsistenti mal-politiki tal-grupp.

Linja Gwida 8 - Pjanijiet ta' kontinġenza

1.37. L-impriża għandha tidentifika riskji materjali sabiex jiġu indirizzati bi pjanijiet ta' kontinġenza li jkopru l-oqsma fejn din tħossha vulnerabbli, u għandha tirrevedi, taġġorna u tittestja dawn il-pjanijiet ta' kontinġenza fuq bażi regolari.

Taqsim 2: Rimunerazzjoni

Linja Gwida 9 – Kamp ta' applikazzjoni tal-politika ta' rimunerazzjoni

- 1.38. Fil-politika tagħha ta' rimunerazzjoni l-impriża għandha tal-inqas tiżgura li:
- a) l-għotjiet ta' rimunerazzjoni ma jheddux il-kapaċità tal-impriża li żżomm bażi kapitali adegwata;
 - b) l-arranġamenti ta' rimunerazzjoni mal-fornituri tas-servizzi ma jinkuraġġux it-teħid ta' riskji eċċessivi fid-dawl tal-istrateġija tal-ġestjoni tar-riskju tal-impriża.
- 1.39. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa għandha tadotta u timplimenta politika ta' rimunerazzjoni għall-grupp kollu. Din għandha tqis il-kumplessità u l-istrutturi tal-grupp sabiex tistabbilixxi, tiżviluppa u timplimenta politika konsistenti għall-grupp kollu li tkun taqbel mal-istrateġiji tal-ġestjoni tar-riskju tal-grupp. Il-politika għandha tiġi applikata għall-persuni rilevanti kollha fil-livell tal-grupp u tal-entitajiet individwali.
- 1.40. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa għandha tiżgura:
- a) il-konsistenza ġenerali tal-politiki ta' rimunerazzjoni tal-grupp billi tiżgura li dawn ikunu konformi mar-rekwiżiti legali tal-impriżi li jiffurmaw parti mill-grupp u billi tivverifika l-applikazzjoni korretta tagħhom;
 - b) li l-impriżi kollha li jappartjenu għall-grupp ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' rimunerazzjoni;
 - c) li jiġu ġestiti riskji materjali fil-livell tal-grupp marbutin ma' kwistjonijiet ta' rimunerazzjoni fl-entitajiet tal-grupp.

Linja Gwida 10 – Kumitat ta' rimunerazzjoni

- 1.41. L-impriża għandha tiżgura li l-kumitat ta' rimunerazzjoni jkun kompost b'mod li jippermettilu jagħmel għodidzju kompetenti u indipendenti dwar il-politika ta' rimunerazzjoni u s-superviżjoni tagħha. Jekk ma jkun stabbilit l-ebda kumitat ta' rimunerazzjoni, l-AMSB għandha tassumi l-kompiti li kieku kienu jiġu assenjati lil kumitat ta' rimunerazzjoni b'mod li jiġu evitati konflitti ta' interess.

Taqsim 3: Adatti u idonei

Linja Gwida 11 – Rekwiżiti ta' kompetenza

- 1.42. L-impriża għandha tiżgura li l-persuni li effettivament imexxu l-impriża jew li għandhom funzjonijiet ewlenin oħrajn ikunu "kompetenti" u jqisu d-dmirijiet rispettivi allokatil lil persuni individwali b'mod li jiżguraw id-diversità xierqa tal-kwalifiki, l-għarfien u l-esperjenza rilevanti sabiex l-impriża tiġi ġestita u sorveljata b'mod professjonali.

- 1.43. L-AMSB kollettivament għandu jkollu kwalifiki xierqa, esperjenza u għarfien tal-anqas dwar:
- a) l-assigurazzjoni u s-swieq finanzjarji;
 - b) l-istrateġiji tan-negozju u l-mudelli tan-negozju;
 - c) is-sistema ta' governanza;
 - d) l-analiżi finanzjarja u attwarja;
 - e) il-qafas u r-rekwiżiti regolatorji.

Linja Gwida 12 - Rekwiżiti ta' idoneità

- 1.44. Hi u tivvaluta jekk persuna hijiex "idonea", l-impriża għandha tqis li l-perjodu ta' limitazzjoni tar-reat kriminali jew ta' kwalunkwe offiża oħra rilevanti, abbażi tal-liġi nazzjonali, ikun skada.

Linja Gwida 13 - Politiki u proċeduri ta' kompetenza u idoneità

- 1.45. L-impriża għandu jkollha politika dwar ir-rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità, li tal-anqas tkun tinkludi:
- a) deskrizzjoni tal-proċedura ta' kif jiġu identifikati l-karigi li jkunu jeħtieġu notifika u ta' kif tiġi nnotifikata l-awtorità superviżorja;
 - b) deskrizzjoni tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-kompetenza u tal-idoneità tal-persuni li effettivament imexxu l-impriża jew li għandhom funzjonijiet ewlenin oħrajn, kemm meta jkunu kkunsidrati għall-pożizzjoni speċifika kif ukoll fuq bażi kontinwa;
 - c) deskrizzjoni tas-sitwazzjonijiet li jagħtu lok għal valutazzjoni mill-ġdid tar-rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità;
 - d) deskrizzjoni tal-proċedura għall-valutazzjoni tal-ħiliet, tal-għarfien, tal-għarfien espert u tal-integrità personali ta' persunal rilevanti ieħor li ma jkunx soġġett għar-rekwiżiti tal-Artikolu 42 tas-Solvibbiltà II skont standards interni, kemm meta jkun qed jiġi kkunsidrat għall-pożizzjoni speċifika kif ukoll fuq bażi kontinwa.

Linja Gwida 14 - Esternalizzazzjoni tal-funzjonijiet ewlenin

- 1.46. L-impriża għandha tapplika l-proċeduri ta' kompetenza u idoneità hi u tivvaluta persuni impjegati mill-fornitur jew mis-sottofornitur ta' servizz sabiex iwettqu funzjoni ewlenija esternalizzata.
- 1.47. L-impriża għandha taħtar persuna fl-impriża b'responsabbiltà ġenerali mill-funzjoni ewlenija esternalizzata li tkun kompetenti u idonea u li jkollha biżżejjed għarfien u esperjenza rigward il-funzjoni ewlenija esternalizzata sabiex tkun tista' tikkontesta l-prestazzjoni u r-riżultati tal-fornitur ta' servizz. Il-persuna maħtura għandha titqies bħala l-persuna responsabbli mill-funzjoni ewlenija skont l-Artikolu 42(2) tas-Solvibbiltà II li tkun teħtieġ tiġi nnotifikata lill-awtorità superviżorja.

Linja Gwida 15 – Notifika

1.48. L-awtorità superviżorja tal-anqas għandha titlob mill-impriża l-informazzjoni inkluża fl-Anness Tekniku⁴ li għandha tiġi sottomessa permezz ta' notifika.

Linja Gwida 16 – Valutazzjoni tar-rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità mill-awtorità superviżorja

1.49. L-awtorità superviżorja għandha tivvaluta r-rekwiżiti ta' kompetenza u idoneità tal-persuni soġġetti għal rekwiżiti ta' notifika u tagħti r-reazzjoni tagħha dwar dan lill-impriża kkonċernata f'qafas ta' żmien xieraq minn meta tirċievi n-notifika kompluta.

Taqsim 4: Ġestjoni tar-riskju

Linja Gwida 17 – Ir-rwol tal-AMSB fis-sistema ta' ġestjoni tar-riskju

1.50. The AMSB should be ultimately responsible for ensuring the effectiveness of the risk management system, setting the undertaking's risk appetite and overall risk tolerance limits, as well as approving the main risk management strategies and policies.

1.51. L-AMSB tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, tal-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew tal-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa għandu jiżgura li s-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-grupp kollu tkun effettiva. Is-sistema ta' ġestjoni tar-riskju għandha tinkludi tal-inqas:

- a) id-deċiżjonijiet strateġiċi u ta' politika dwar il-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-grupp;
- b) id-definizzjoni tal-apetit tar-riskju u tal-limiti ta' tolleranza tar-riskju tal-grupp;
- c) l-identifikazzjoni, il-kejl, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar tar-riskji fil-livell tal-grupp.

1.52. L-AMSB tal-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, tal-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew tal-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa għandu jiżgura li deċiżjonijiet u politiċi strateġiċi bħal dawn ikunu konsistenti mal-istruttura u d-daqs tal-grupp u mal-ispeċifitàjiet tal-entitajiet li jiffurmaw parti minnu.

Linja Gwida 18 - Politika ta' ġestjoni tar-riskju

1.53. L-impriża għandha tistabbilixxi politika ta' ġestjoni tar-riskju li tal-inqas:

- a) tiddefinixxi l-kategoriji tar-riskju u l-metodi għall-kejl tar-riskji;

⁴ L-Anness Tekniku huwa disponibbli fil-paġna elettronika tal-EIOPA, Publications/EIOPA_Guidelines

- b) tispjega kif l-impriża tiġġestixxi kull kategorija u qasam ta' riskji rilevanti u kwalunkwe aggregazzjoni ta' riskji potenzjali;
- c) tiddekrivi l-konnessjoni mal-valutazzjoni tal-ħtiġijiet globali ta' solvenza kif identifikati fl-ORSA, ir-rekwiżiti ta' kapital regulatorju u l-limiti ta' tolleranza tar-riskju tal-impriża;
- d) tispeċifika l-limiti ta' tolleranza tar-riskju fil-kategoriji kollha rilevanti tar-riskju f'konformità mal-aptit tar-riskju tal-impriża;
- e) tiddekrivi l-frekwenza u l-kontenut ta' testijiet regolari tal-istress u s-sitwazzjonijiet li jiġġustifikaw testijiet tal-istress ad hoc.

Linja Gwida 19 - Funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji: kompiti

1.54. L-impriża għandha tirrikjedi li l-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji tirrapporta lill-AMSB dwar ir-riskji li jkunu ġew identifikati bħala potenzjalment materjali. Il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji għandha tirrapporta wkoll dwar oqsma speċifiċi oħrajn ta' riskju kemm fuq inizjattiva tagħha stess kif ukoll meta mitluba mill-AMSB.

Linja Gwida 20 – Politika ta' ġestjoni tar-riskju ta' sottoskrizzjoni u riżerva

- 1.55. Fil-politika tagħha ta' ġestjoni tar-riskju, l-impriża għandha tal-anqas tkopri dawn li ġejjin fir-rigward tar-riskju ta' sottoskrizzjoni u riżerva:
- a) it-tipi u l-karatteristiċi tan-negozju tal-assigurazzjoni, bħat-tip ta' riskju tal-assigurazzjoni li l-impriża hija lesta li taċċetta;
 - b) kif għandha tiġi żgurata l-adeqwatezza tad-dħul mill-primjums sabiex jiġu koperti l-klejms u l-ispejjeż;
 - c) l-identifikazzjoni tar-riskji li jirriżultaw mill-obbligi tal-assigurazzjoni tal-impriża, inklużi għażliet integrati u valuri garantiti ta' rinunzja fil-prodotti tagħha;
 - d) kif, fil-proċess tad-disinn ta' prodott ġdid tal-assigurazzjoni u l-kalkolu tal-primjum, l-impriża tqis il-limitazzjonijiet relatati mal-investimenti;
 - e) kif, fil-proċess tad-disinn ta' prodott ġdid tal-assigurazzjoni u l-kalkolu tal-primjum, l-impriża tqis ir-riassigurazzjoni jew tekniki oħrajn ta' mitigazzjoni tar-riskju.

Linja Gwida 21 – Politika ta' ġestjoni tar-riskju operazzjonali

- 1.56. Fil-politika ta' ġestjoni tar-riskju operazzjonali, l-impriża għandha tkopri tal-anqas dawn li ġejjin fir-rigward tar-riskju operazzjonali:
- a) l-identifikazzjoni tar-riskji operazzjonali li hija esposta jew li tista' tkun esposta għalihom u valutazzjoni tal-mod kif ittaffihom;
 - b) l-attivitajiet u l-proċessi interni għall-ġestjoni tar-riskju operazzjonali, inkluża s-sistema tal-IT li tappoġġjahom;

- c) il-limiti tat-tolleranza tar-riskju fir-rigward tal-oqsma prinċipali tar-riskju operazzjonali tal-impriża.
- 1.57. L-impriża għandu jkollha proċessi sabiex tidentifika, tanalizza u tirrapporta dwar avvenimenti ta' riskju operazzjonali. Għal dan il-għan, għandha tistabbilixxi proċess għall-ġbir u l-monitoraġġ ta' avvenimenti ta' riskju operazzjonali.
- 1.58. Għall-finijiet tal-ġestjoni tar-riskji operazzjonali, l-impriża għandha tiżviluppa u tanalizza sett xieraq ta' xenarji ta' riskju operazzjonali bbażati fuq tal-anqas dawn l-approċċi li ġejjin:
- a) il-falliment ta' proċess, persunal jew sistema ewlenija;
 - b) l-okkorrenza ta' avvenimenti esterni.

Linja Gwida 22 - Riassigurazzjoni u tekniki oħrajn ta' mitigazzjoni tar-riskju – politika ta' ġestjoni tar-riskju

- 1.59. Fil-politika ta' ġestjoni tar-riskju, l-impriża għandha tkopri tal-anqas dawn li ġejjin fir-rigward tar-riassigurazzjoni u tekniki oħrajn ta' mitigazzjoni tar-riskju:
- a) l-identifikazzjoni tal-livell ta' trasferiment tar-riskju xieraq għal-limiti tar-riskju definiti tal-impriża u liema tip ta' arranġamenti ta' riassigurazzjoni huma l-aktar xierqa meta jitqies il-profil tar-riskju tal-impriża;
 - b) prinċipji għall-għażla ta' kontropartijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju u proċeduri għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-affidabbiltà tal-kreditu u d-diversifikazzjoni tal-kontropartijiet ta' riassigurazzjoni;
 - c) proċeduri għall-valutazzjoni tat-trasferiment tar-riskju effettiv u l-konsiderazzjoni tar-riskju ta' bażi;
 - d) proċeduri tal-ġestjoni tal-likwidità sabiex tiġi ttrattata kwalunkwe diskrepanza fil-ħin bejn il-ħlasijiet tal-klejms u r-riassigurazzjoni rekuperabbli.

Linja Gwida 23 - Riskju strateġiku u ta' reputazzjoni

- 1.60. L-impriża għandha tiġġestixxi, tissorvelja u tirrapporta s-sitwazzjonijiet li ġejjin:
- a) l-iskopertura attwali jew potenzjali għal riskji strateġiċi jew ta' reputazzjoni u l-interrelazzjoni bejn dawn ir-riskji u riskji materjali oħrajn;
 - b) kwistjonijiet ewlenin li jaffettwaw ir-reputazzjoni tagħha, meta jitqiesu l-aspettattivi tal-partijiet interessati u s-sensittività tas-suq.

Linja Gwida 24 – Politika ta' ġestjoni tal-assi u l-obbligi

- 1.61. Fil-politika tagħha ta' ġestjoni tar-riskju, l-impriża għandha tkopri tal-anqas l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tal-ġestjoni tal-assi u l-obbligi:
- a) deskrizzjoni tal-proċedura għall-identifikazzjoni u l-valutazzjoni ta' naturi differenti ta' diskrepanzi bejn l-assi u l-obbligi, tal-anqas fir-rigward tat-termini u tal-munita;

- b) deskrizzjoni ta' tekniki ta' mitigazzjoni li għandhom jintużaw u l-effett mistenni ta' tekniki rilevanti ta' mitigazzjoni tar-riskju fuq il-ġestjoni tal-assi u l-obbligi;
- c) deskrizzjoni ta' diskrepanzi intenzjonati permessi;
- d) deskrizzjoni tal-metodoloġija sottostanti u l-frekwenza ta' testijiet tal-istress u testijiet tax-xenarju li għandhom isiru.

Linja Gwida 25 – Politika ta' ġestjoni tar-riskju ta' investment

1.62. Fil-politika tagħha ta' ġestjoni tar-riskju ta' investment, l-impriża għandha tkopri tal-anqas l-informazzjoni li ġejja fir-rigward ta' investmenti:

- a) il-livell ta' sigurtà, kwalità, likwidità u profittabbiltà li l-impriża qiegħda timmira għalih fir-rigward tal-portafoll sħiħ tal-assi u kif qiegħda tippjana li tiksbu;
- b) il-limiti kwantitattivi dwar l-assi u l-iskoperturi, inklużi skoperturi li ma jidhrux fuq il-karta bilanċjali, li għandhom ikunu stabbiliti sabiex jgħinu lill-impriża tiżgura li tikseb il-livell mixtieq ta' sigurtà, kwalità, likwidità, profittabbiltà u disponibbiltà għall-portafoll;
- c) il-livell ta' disponibbiltà li l-impriża qiegħda timmira għalih fir-rigward tal-portafoll sħiħ tal-assi u kif qiegħda tippjana li tiksbu;
- d) konsiderazzjoni tal-ambjent tas-suq finanzjarju;
- e) il-kundizzjonijiet li taħthom l-impriża tista' twiegħed jew tislef assi;
- f) ir-rabta bejn ir-riskju tas-suq u riskji oħrajn f'xenarji avversi;
- g) il-proċedura biex jiġu vvalutati u vverifikati kif xieraq l-assi tal-investment;
- h) il-proċeduri għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni tal-investimenti u għar-reviżjoni tal-politika meta jkun meħtieġ;
- i) kif l-assi għandhom jintgħażlu fl-aħjar interess tad-detenturi tal-poloż u tal-benefiċjarji.

Linja Gwida 26 – Politika ta' ġestjoni tar-riskju tal-likwidità

1.63. Fil-politika tagħha ta' ġestjoni tar-riskju, l-impriża għandha tkopri tal-anqas l-informazzjoni li ġejja fir-rigward tar-riskju tal-likwidità:

- a) il-proċedura għad-determinazzjoni tal-livell ta' diskrepanza bejn id-dħul tal-flus u l-ħruġ tal-flus kemm tal-assi kif ukoll tal-obbligi, inklużi flussi ta' kontanti mistennija ta' assigurazzjoni diretta u ta' riassigurazzjoni bħal klejms, skadenzi jew ċessjonijiet ta' poloż;
- b) konsiderazzjoni tal-ħtiġijiet totali ta' likwidità fuq żmien qasir u medju, inklużi riżervi ta' likwidità xierqa li jħarsu kontra n-nuqqas ta' likwidità;
- c) konsiderazzjoni tal-livell u l-monitoraġġ tal-assi likwidi, inkluża kwantifikazzjoni tal-ispejjeż potenzjali jew it-telf finanzjarju li jirriżultaw minn realizazzjoni infurzata;

- d) l-identifikazzjoni u l-ispejjeż ta' għodod ta' finanzjament alternattivi;
- e) konsiderazzjoni tal-effett tas-sitwazzjoni tal-likwidità ta' negozji ġodda mistennija.

Taqsimha 5: Il-prinċipju tal-“persuna prudenti” u s-sistema ta' governanza

Linja Gwida 27 - Ġestjoni tar-riskju tal-investment

- 1.64. L-impriża m'għandhiex tiddependi biss fuq l-informazzjoni pprovduta minn partjiet terzi, bħalma huma istituzzjonijiet finanzjarji, manijers tal-assi u aġenziji li jiggradaw il-kreditu. B'mod partikolari, l-impriża għandha tiżviluppa sett proprju ta' indikaturi ewlenin tar-riskju li jkun konformi mal-politika ta' ġestjoni tar-riskju tal-investment u mal-istrateġija tan-negozju tagħha.
- 1.65. Fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-investment, l-impriża għandha tikkunsidra r-riskji assoċjati mal-investimenti mingħajr ma tiddependi biss fuq ir-riskju li jkun qed jinqabad b'mod adegwat mir-rekwiżiti ta' kapital.

Linja Gwida 28 – Valutazzjoni ta' attivitajiet ta' investment mhux ta' rutina

- 1.66. Qabel ma tagħmel xi investment jew xi attività ta' investment ta' natura mhux ta' rutina, l-impriża għandha twettaq valutazzjoni tal-anqas ta':
 - a) il-kapaċità tagħha li twettaq u tiġġestixxi l-investment jew l-attività ta' investment;
 - b) ir-riskji marbuta speċifikament mal-investment jew mal-attività ta' investment u l-impatt tal-investment jew tal-attività ta' investment fuq il-profil tar-riskju tal-impriża;
 - c) il-konsistenza tal-investment jew tal-attività ta' investment mal-interess tal-benefiċjarji u tad-detenturi tal-poloż, mar-restrizzjonijiet tal-obbligi stabbiliti mill-impriża u mal-ġestjoni effiċjenti tal-portafoll;
 - d) l-impatt ta' dan l-investment jew attività ta' investment fuq il-kwalità, is-sigurtà, il-likwidità, il-profittabbiltà u d-disponibbiltà tal-portafoll sħiħ.
- 1.67. L-impriża għandu jkollha proċeduri li jirrikjedu li fejn tali investment jew attività ta' investment jinvolvu riskju sinifikanti jew bidla fil-profil tar-riskju, il-funzjoni tal-immaniġġjar tar-riskji tal-impriża tikkomunika tali riskju jew bidla fil-profil tar-riskju lill-AMSB tal-impriża.

Linja Gwida 29 – Sigurtà, kwalità, likwidità u profittabbiltà tal-portafolli tal-investment

- 1.68. L-impriża għandha tirrevedi u tissorvelja regolarment is-sigurtà, il-kwalità, il-likwidità u l-profittabbiltà tal-portafoll kollu kemm hu billi tal-anqas tikkunsidra:
 - a) kwalunkwe limitu tar-responsabbiltà, inklużi l-garanziji tad-detenturi tal-poloż, u kwalunkwe politika żvelata dwar benefiċċji diskrezzjonarji futuri u, fejn ikun rilevanti, l-aspettattivi raġjonevoli tad-detenturi tal-poloż;

- b) il-livell u n-natura tar-riskji li impriża tkun lesta li taççetta;
- c) il-livell ta' diversifikazzjoni tal-portafoll kollu kemm hu;
- d) il-karatteristiçi tal-assi, inklużi;
 - (i) il-kwalità ta' kreditu tal-kontroparti;
 - (ii) il-likwidità;
 - (iii) it-tangjibbiltà;
 - (iv) is-sostenibbiltà;
 - (v) l-eżistenza u l-kwalità ta' kollateral u assi oħra li jsostnu l-assi;
 - (vi) ingranaġġ jew gravami;
 - (vii) segmenti;
- e) avvenimenti li potenzjalment jistgħu jbiddu l-karatteristiçi tal-investimenti, inklużi kwalunkwe garanzij, jew jaffettwaw il-valur tal-assi;
- f) kwistjonijiet marbutin mal-lokalizzazzjoni u d-disponibbiltà tal-assi, inklużi:
 - (i) in-nontrasferibbiltà
 - (ii) kwistjonijiet legali f'pajjiżi oħrajn;
 - (iii) miżuri ta' munita;
 - (iv) riskju tal-kustodju;
 - (v) kollateralizzazzjoni żejda u self.

Linja Gwida 30 – Profittabbiltà

1.69. L-impriża għandha tistabbilixxi miri għar-redditu li tistenna mill-investimenti tagħha waqt li tqis il-ħtieġa li tikseb qligħ sostenibbli fuq il-portafolli tal-assi sabiex tissodisfa l-aspettattivi raġjonevoli tad-detenturi tal-poloż.

Linja Gwida 31 – Kunflitti ta' interess

1.70. Fil-politika ta' investiment tagħha, l-impriża għandha tiddeskrivi kif tidentifika u tiġġestixxi kwalunkwe kunflitti ta' interess li jkunu fir-rigward tal-investimenti, irrISPettivament minn jekk dawn jinqalgħux fl-impriża jew inkella fl-entità li tiġġestixxi l-portafoll tal-assi. Din għandha tiddokumenta wkoll l-azzjonijiet meħuda sabiex tiġġestixxi tali konflitti.

Linja Gwida 32 - Kuntratti marbuta ma' unitajiet u ma' indiçi

1.71. L-impriża għandha tiżgura li l-investimenti tagħha ta' kuntratti marbutin ma' unitajiet u ma' indiçi jingħażlu fl-aħjar interess tad-detenturi tal-poloż u l-benefiċjarji, waqt li tqis kwalunkwe objettiv ta' politika żvelat.

1.72. Fil-każ ta' negozju marbut ma' unitajiet l-impriża għandha tqis u tiġġestixxi r-restrizzjonijiet relatati ma' kuntratti marbutin ma' unitajiet, b'mod partikolari l-likwidità jew kwalunkwe restrizzjonijiet kuntrattwali jew legali ta' trasferibbiltà.

Linja Gwida 33 - Assi li mhumiex ammessi għall-kummerċ f'suq finanzjarju regolamentat

- 1.73. L-impriża għandha timplimenta, tiġġestixxi, tissorvelja u tikkontrolla proċeduri fir-rigward ta' investimenti li mhumiex ammessi għall-kummerċ f'suq finanzjarju regolamentat jew ta' prodotti komplessi, li huwa diffiċli li tivvalutahom.
- 1.74. L-impriża għandha tittratta assi ammessi għall-kummerċ, imma li mhumiex innegozjati jew li huma nnegozjati fuq bażi mhux regolari, b'mod simili għal dawk l-assi li mhumiex ammessi għall-kummerċ f'suq finanzjarju regolamentat.

Linja Gwida 34 - Derivattivi

- 1.75. Fl-użu ta' derivattivi, l-impriża għandha timplimenta l-proċeduri f'konformità mal-politika tagħha ta' ġestjoni tar-riskju tal-investment sabiex tissorvelja l-prestazzjoni ta' dawn id-derivattivi.
- 1.76. L-impriża għandha turi kif il-kwalità, is-sigurtà, il-likwidità jew il-profittabilità tal-portafoll tittejjeb mingħajr ma tiddgħajjef b'mod sinifikanti xi waħda minn dawn il-karatteristiċi meta jintużaw derivattivi sabiex jiġi ffaċilitat l-immaniġġjar effiċjenti ta' portafolji.
- 1.77. L-impriża għandha tiddokumenta r-razzjonal u turi t-trasferiment tar-riskju effettiv miksub bl-użu tad-derivattivi meta jintużaw derivattivi sabiex jikkontribwixxu għal tnaqqis tar-riskji jew bħala teknika tal-mitigazzjoni tar-riskju.

Linja Gwida 35 - Strumenti titolizzati

- 1.78. Meta l-impriża tinvesti fi strumenti titolizzati, din għandha tiżgura li l-interessi tagħha u l-interessi tal-oriġinatur jew tal-isponsor fir-rigward tal-assi titolizzati jkunu mifhuma u allinjati tajjeb.

Taqsim 6: Rekwiżiti ta' fondi proprji u s-sistema ta' governanza

Linja Gwida 36 – Politika ta' ġestjoni tal-kapital

- 1.79. L-impriża għandha tiżviluppa politika ta' ġestjoni tal-kapital li tkun tinkludi deskrizzjoni tal-proċeduri li:
 - a) tiżgura li elementi ta' fondi proprji, kemm mal-ħruġ kif ukoll wara, jiġu kklassifikati skont il-karatteristiċi tal-Artikoli 71, 73, 75 u 77 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni 2015/35;
 - b) tissorvelja livell livell il-ħruġ ta' elementi ta' fondi proprji skont il-pjan ta' ġestjoni tal-kapital fuq terminu medju, u qabel il-ħruġ ta' kwalunkwe elementi ta' fondi proprji tiżgura li din tista' tissodisfa l-kriterji għal-livell xieraq fuq bażi kontinwa;
 - c) tissorvelja li l-elementi ta' fondi proprji ma jiġux imxekkla mill-eżistenza ta' xi ftehimiet jew tranżazzjonijiet marbutin magħhom, jew bħala

konsegwenza ta' struttura ta' grupp, li jimminaw l-effikaċja tagħhom bħala kapital;

- d) tiżgura li l-azzjonijiet rikjesti jew permessi skont dispożizzjonijiet kuntrattwali, statutorji jew legali li jirregolaw element ta' fondi proprji jinbdew u jintemmu f'waqthom;
- e) tiżgura li elementi ta' fondi proprji anċillari jkunu jistgħu jissejħu, u jiġu msejħa, fi żmien opportun meta jkun hemm il-ħtieġa;
- f) tidentifika u tiddokumenta kwalunkwe arranġamenti, leġislazzjoni jew prodotti li jagħtu lok għal fondi delimitati, u jiżguraw li jsiru kalkoli u aġġustamenti xierqa fid-determinazzjoni tar-rekwiżit kapitali tas-solvenza u tal-fondi proprji;
- g) tiżgura li t-termini kuntrattwali li jirregolaw elementi ta' fondi proprji jkunu ċari u mingħajr ambigwiżità fir-rigward tal-kriterji għall-klassifikazzjoni f'livelli;
- h) tiżgura li kwalunkwe politika jew dikjarazzjoni fir-rigward ta' dividendi ta' ishma ordinarji titqies b'konsiderazzjoni tal-pożizzjoni tal-kapital u tal-valutazzjoni ta' dividendi prevedibbli;
- i) tidentifika u tiddokumenta l-każijiet li fihom id-distribuzzjonijiet fuq elementi ta' fondi proprji tal-livell 1 jistgħu jiġu kkanċellati fuq bażi diskrezzjonarja;
- j) tidentifika, tiddokumenta u tinforza l-każijiet li fihom distribuzzjonijiet fuq elementi ta' fondi proprji jeħtieġ li jiġu differiti jew ikkanċellati b'konformità mal-Artikoli 71(1)(l) u 73(1)(g) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni 2015/35;
- k) tidentifika sa liema punt l-impriża tiddependi minn elementi ta' fondi proprji suġġetti għal miżuri tranżizzjonali;
- l) tiżgura li l-mod li bih joperaw l-elementi inklużi f'fondi proprji taħt miżuri tranżizzjonali fi żminijiet ta' stress, u b'mod partikolari kif l-elementi jassorbu t-telf, jiġi vvalutat u, jekk ikun meħtieġ, jittieħed inkonsiderazzjoni mill-ORSA.

Linja Gwida 37 – Pjan ta' ġestjoni tal-kapital fuq terminu medju

1.80. L-impriża għandha tiżviluppa pjan ta' ġestjoni tal-kapital fuq terminu medju li jkun issorveljat mill-AMSB, u li tal-anqas ikun jinkludi konsiderazzjonijiet ta':

- a) kwalunkwe ħruġ ta' kapital ippjanat;
- b) il-maturità tal-elementi ta' fondi proprji, li tinkorpora kemm il-maturità kuntrattwali kif ukoll kwalunkwe opportunità preċedenti ta' ħlas lura jew ta' fidwa, marbuta mal-elementi ta' fondi proprji tal-impriża;
- c) ir-riżultat tal-previżjonijiet magħmulin fl-ORSA;
- d) kif kwalunkwe ħruġ, fidwa jew ħlas lura, jew varjazzjoni oħra fil-valwazzjoni ta' elementi ta' fondi proprji taffettwa l-applikazzjoni tal-limiti fuq il-livelli;

- e) kif l-applikazzjoni tal-politika ta' distribuzzjoni se taffettwa l-fondi proprji; u
- f) u l-impatt tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali.

Taqsim 7: Kontrolli Interni

Linja Gwida 38 – Ambjent ta' kontroll intern

- 1.81. L-impriża għandha tippromwovi l-importanza tat-twettiq xieraq ta' kontrolli interni billi jiġi żgurat li l-persunal kollu huwa konxju tar-rwol tiegħu fis-sistema ta' kontroll intern. L-attivitajiet ta' kontroll għandhom ikunu proporzjonati għar-riskji li jirriżultaw mill-attivitajiet u l-proċessi li għandhom ikunu kkontrollati.
- 1.82. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa għandha jiżgura implimentazzjoni konsistenti tas-sistemi ta' kontroll intern fi ħdan il-grupp kollu.

Linja Gwida 39 – Monitoraġġ u rappurtar

- 1.83. L-impriża għandha tistabbilixxi mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' rappurtar fi ħdan is-sistema ta' kontroll intern li jipprovdu lill-AMSB l-informazzjoni rilevanti għall-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet.

Taqsim 8: Funzjoni ta' awditjar intern

Linja Gwida 40 – Indipendenza tal-funzjoni ta' awditjar intern

- 1.84. L-impriża għandha tiżgura li l-funzjoni ta' awditjar intern ma twettaq l-ebda funzjoni operazzjonali u li tkun ħielsa mill-influwenza żejda ta' kwalunkwe funzjonijiet oħrajn inklużi funzjonijiet ewlenin.
- 1.85. Waqt li jkun għaddej l-awditjar u waqt l-evalazzjoni u r-rappurtar tar-riżultati tal-awditjar, l-impriża għandha tiżgura li l-funzjoni ta' awditjar intern ma tkunx soġġetta għal influwenza mill-AMSB li tista' ddgħajjef l-indipendenza operazzjonali u l-imparzjalità tagħha.

Linja Gwida 41 – Kunflitti ta' interess fi ħdan il-funzjoni ta' awditjar intern

- 1.86. L-impriża għandha tiegħu miżuri adegwati sabiex ittaffi r-riskju ta' xi kunflitt ta' interess.
- 1.87. Għalhekk l-impriża għandha tiżgura li awdituri rreklutati internament ma jawditjawx attivitajiet jew funzjonijiet li huma jkunu wettqu qabel matul il-qafas ta' żmien kopert mill-awditjar.

Linja Gwida 42 - Politika ta' awditjar intern

- 1.88. L-impriża għandu jkollha politika ta' awditjar intern li tkopri tal-anqas l-oqsma li ġejjin:
- a) it-termini u l-kundizzjonijiet li skonthom l-funzjoni ta' awditjar intern tista' tintalab tagħti l-opinjoni jew l-għajjnuna tagħha jew twettaq kompiti speċjali oħrajn;
 - b) jekk ikunu rilevanti, regoli interni li jstabilixxu l-proċeduri li l-persuna responsabbli mill-funzjoni ta' awditjar intern tkun teħtieġ isegwi qabel ma tinforma lill-awtorità superviżorja;
 - c) fejn ikun xieraq, il-kriterji għar-rotazzjoni tal-kompiti tal-persunal.
- 1.89. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa għandha tiżgura li l-politika ta' awditjar intern fil-livell tal-grupp tiddekrivi kif il-funzjoni tal-awditjar intern:
- a) tikkoordina l-attività ta' awditjar intern fil-grupp kollu kemm hu;
 - b) tiżgura l-konformità mar-rekwiżiti ta' awditjar intern fil-livell tal-grupp.

Linja Gwida 43 – Pjan ta' awditjar intern

- 1.90. L-impriża għandha tiżgura li l-pjan ta' awditjar intern:
- a) ikun ibbażat fuq analiżi metodika tar-riskju, li tqis l-attivitajiet kollha u s-sistema sħiħa ta' governanza, kif ukoll żviluppi mistennija ta' attivitajiet u innovazzjonijiet;
 - b) ikopri l-attivitajiet sinifikanti kollha li għandhom jiġu riveduti matul perjodu raġjonevoli ta' żmien.

Linja Gwida 44 - Dokumentazzjoni tal-awditjar intern

- 1.91. L-impriża għandha żżomm regjistru tax-xogħol tagħha sabiex tippermetti li ssir valutazzjoni tal-effettività tax-xogħol tal-funzjoni tal-awditjar intern, u sabiex tiddokumenta l-awditjar b'mod li jippermetti li l-awditjar li jkun sar u s-sejbiet li pproduċa jiġu ttraċċati mill-ġdid.

Linja Gwida 45 – Kompiti tal-funzjoni ta' awditjar intern

- 1.92. L-impriża għandha tirrikjedi li l-funzjoni ta' awditjar intern, fir-rapport lill-AMSB, tinkludi l-perjodu ta' żmien previst sabiex in-nuqqasijiet jiġu rrimedjati, u informazzjoni dwar it-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet tal-awditjar preċedenti.

Taqsimha 9: Funzjoni attwarja

Linja Gwida 46 - Kompiti tal-funzjoni attwarja

- 1.93. L-impriża għandha tiegħu miżuri xierqa sabiex tindirizza kunflitti ta' interess potenzjali, jekk l-impriża tiddeċiedi li żżid kompiti jew attivitajiet addizzjonali mal-kompiti u l-attivitajiet tal-funzjoni attwarja.
- 1.94. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja m'hallta li tkun qed tipparteċipa għandha tirrikjedi li l-funzjoni attwarja tagħti opinjoni dwar il-politika ta' riassigurazzjoni u l-programm ta' riassigurazzjoni tal-grupp kollu kemm hu.

Linja Gwida 47 - Koordinazzjoni tal-kalkolu ta' dispożizzjonijiet tekniċi

- 1.95. L-impriża għandha tirrikjedi li l-funzjoni attwarja tidentifika kwalunkwe inkonsistenza mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 76 sa 83 tas-Solvibbiltà II għall-kalkolu ta' dispożizzjonijiet tekniċi u li ttipponi korrezzjonijiet kif xieraq.
- 1.96. L-impriża għandha tirrikjedi li l-funzjoni attwarja tagħti spjegazzjoni dwar kwalunkwe effett materjali ta' tibdil fid-dejta, fil-metodoloġiji jew fis-suppożizzjonijiet bejn id-dati ta' valwazzjoni fuq l-ammont ta' dispożizzjonijiet tekniċi.

Linja Gwida 48 – Kwalità tad-dejta

- 1.97. L-impriża għandha tirrikjedi li l-funzjoni attwarja tivvaluta l-konsistenza tad-dejta interna u esterna użata fil-kalkolu ta' dispożizzjonijiet tekniċi billi tqabblha mal-istandards tal-kwalità tad-dejta kif stabbiliti fis-Solvibbiltà II. Fejn ikun rilevanti, il-funzjoni attwarja għandha ttipprovi rakkomandazzjonijiet dwar il-proċeduri interni li jtejjbu l-kwalità tad-dejta sabiex tiżgura li l-impriża tkun f'qagħda li tikkonforma mal-qafas tas-Solvibbiltà II.

Linja Gwida 49 – Ittestjar skont l-esperjenza

- 1.98. L-impriża għandha tiżgura li l-funzjoni attwarja tirrapporta kwalunkwe devjazzjoni materjali mill-esperjenza attwali sal-aħjar stima lill-AMSB. Ir-rapport għandu jinvestiga l-kawżi tad-devjazzjonijiet u, fejn ikun applikabbli, jipproponi bidliet fis-suppożizzjonijiet u modifiki għall-mudell ta' valutazzjoni sabiex jittejjeb il-kalkolu tal-aħjar stima.

Linja Gwida 50 - Politika ta' sottoskrizzjoni u arranġamenti ta' riassigurazzjoni

- 1.99. L-impriża għandha tirrikjedi li l-funzjoni attwarja, hi u ttipprovi l-opinjoni tagħha dwar il-politika ta' sottoskrizzjoni u l-arranġamenti ta' riassigurazzjoni, tqis l-interrelazzjonijiet bejn dawn u d-dispożizzjonijiet tekniċi.

Linja Gwida 51 – Il-funzjoni attwarja ta' impriża b' mudell intern

1.100. L-impriża għandha tirrikjedi li l-funzjoni attwarja tikkontribwixxi billi tispeċifika liema riskji li jaqgħu fil-qasam tal-għarfien espert tagħha huma koperti bil-mudell intern. Il-funzjoni attwarja għandha tikkontribwixxi wkoll dwar kif id-dipendenzi bejn dawn ir-riskji u d-dipendenzi bejn dawn ir-riskji u riskji oħrajn huma dderivati. Dan il-kontribut għandu jkun ibbażat fuq analiżi teknika u għandha jirrifletti l-esperjenza u l-għarfien espert tal-funzjoni.

Taqsim 10: Valutazzjoni tal-assi u l-obbligi minbarra dispożizzjonijiet tekniċi

Linja Gwida 52 – Valutazzjoni tal-assi u l-obbligi minbarra dispożizzjonijiet tekniċi

1.101. Fil-politika u l-proċeduri tagħha għall-valutazzjoni tal-assi u l-obbligi, l-impriża għandha tkopri tal-anqas dawn li ġejjin:

- a) il-metodoloġija u l-kriterji li għandhom jintużaw għall-valutazzjoni tas-swieq attivi u mhux attivi;
- b) ir-rekwiżiti sabiex tkun żgurata d-dokumentazzjoni adegwata tal-proċess ta' valutazzjoni u tal-kontrolli li jakkumpanjawh, inklużi dawk għall-kwalità tad-dejta;
- c) ir-rekwiżiti dwar id-dokumentazzjoni tal-approċċi ta' valutazzjoni użati fir-rigward ta':
 - (i) id-disinji tagħhom u l-mod kif inhum implimentati;
 - (ii) l-adeqwatezza tad-dejta, tal-parametri u tas-suppożizzjonijiet;
- d) il-proċess tar-reviżjoni indipendenti u tal-verifikazzjoni tal-approċċi ta' valutazzjoni;
- e) ir-rekwiżiti għar-rappurtar regolari lill-AMSB fuq materji li jkunu rilevanti għall-governanza tiegħu fuq il-valutazzjoni.

Linja Gwida 53 – Proċeduri ta' kontroll tal-kwalità tad-dejta

1.102. L-impriża għandha timplimenta proċeduri ta' kontroll tal-kwalità tad-dejta sabiex tidentifika nuqqasijiet u sabiex tkejjel, tissorvelja, tiġġestixxi u tiddokumenta l-kwalità tad-dejta tagħhom. Dawn il-proċeduri għandhom jinkludu:

- a) is-sħuhija tad-dejta;
- b) l-adeqwatezza tad-dejta, kemm minn sorsi interni kif ukoll esterni;
- c) reviżjoni indipendenti u verifikazzjoni tal-kwalità tad-dejta.

1.103. Il-politiki u l-proċeduri implimentati mill-impriża għandhom jindirizzaw il-ħtieġa li perjodikament issir reviżjoni tad-dejta tas-suq u tal-inputs imqabblin ma' sorsi u esperjenzi alternattivi.

Linja Gwida 54 – Dokumentazzjoni waqt l-użu ta' metodi ta' evalwazzjoni alternattivi

1.104. Meta jintużaw metodi alternattivi ta' evalwazzjoni, l-impriża għandha tiddokumenta:

- a) deskrizzjoni tal-metodu, l-għan, is-suppożizzjonijiet ewlenin, il-limitazzjonijiet u l-output;
- b) iċ-ċirkustanzi li fihom il-metodu ma jaħdimx b'mod effettiv;
- c) deskrizzjoni u analiżi tal-proċess ta' valutazzjoni, u l-kontrolli marbutin mal-metodu;
- d) Analiżi tal-inċertezza tal-valutazzjoni marbuta mal-metodu;
- e) deskrizzjoni ta' proċeduri ta' ttestjar retrospettiv imwettqin fuq ir-riżultati u, fejn ikun possibbli, paragun ma' mudell komparabbli jew ma' punti oħrajn ta' riferiment, li għandhom jitwettqu meta l-metodu ta' valutazzjoni jiġi introdott l-ewwel darba u regolarment minn dakinhar 'il quddiem;
- f) deskrizzjoni tal-għodod u tal-programmi użati.

Linja Gwida 55 – Reviżjoni indipendenti u verifikazzjoni tal-metodi ta' valutazzjoni

1.105. L-impriża għandha tiżgura li ssir reviżjoni indipendenti tal-metodu ta' valutazzjoni, skont l-Artikolu 267(4)(b) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni 2015/35, qabel l-implimentazzjoni ta' metodu ġdid jew ta' bidla maġġuri, u fuq bażi regolari minn dakinhar 'il quddiem.

1.106. L-impriża għandha tiddetermina l-frekwenza tar-reviżjoni skont l-importanza tal-metodu għall-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tal-ġestjoni tar-riskju.

1.107. L-impriża għandha tapplika l-istess prinċipji għar-reviżjoni indipendenti u għall-verifika kemm għal metodi u mudelli ta' valutazzjoni żviluppati internament, kif ukoll għal metodi u mudelli ta' valutazzjoni pprovduti minn bejjiegħ.

1.108. L-impriża għandu jkollha fis-seħħ proċess li jirrapportaw ir-riżultati tar-reviżjoni indipendenti u tal-verifikazzjoni, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet dwar azzjonijiet ta' rimedju, lil-livell maniġerjali xieraq tal-impriża.

Linja Gwida 56 – Superviżjoni mill-AMSB u minn persuni oħrajn li effettivament imexxu l-impriża

1.109. L-AMSB u persuni oħrajn li effettivament imexxu l-impriża għandhom ikunu kapaċi juru għarfien ġenerali tal-approċċi ta' valutazzjoni u tal-inċertezzi involuti fil-proċess ta' valutazzjoni sabiex jippermettu superviżjoni xierqa tal-proċess ta' ġestjoni tar-riskju fir-rigward tal-valutazzjoni.

Linja Gwida 57 – Talba lill-impriża mill-awtorità superviżorja, għal valutazzjoni jew verifikazzjoni indipendenti esterna

1.110.L-awtorità superviżorja għandha tikkonsidra li titlob valutazzjoni indipendenti jew verifika mill-impriża tal-anqas meta jkun hemm riskju ta' dikjarazzjonijiet żbaljati fil-valutazzjoni tal-assi u l-obbligi materjali, li jista' jkollhom konsegwenzi materjali fuq is-sitwazzjoni tas-solvenza tal-impriża.

Linja Gwida 58 – Indipendenza tal-espert estern

1.111.L-impriża għandha tkun kapaċi turi lill-awtorità superviżorja li l-valutazzjoni esterna jew il-verifikazzjoni twettqet minn esperti indipendenti bil-kompetenza professjonali rilevanti, bl-attenzjoni dovuta u bl-esperjenza rilevanti.

Linja Gwida 59 – Informazzjoni li għandha tingħata lill-awtorità superviżorja dwar il-valutazzjoni jew il-verifikazzjoni esterna

1.112.L-impriża għandha tagħti lill-awtorità superviżorja l-informazzjoni kollha rilevanti mitluba dwar valutazzjoni jew verifikazzjoni esterna. L-impriża għandha tinkludi f'din l-informazzjoni, tal-anqas, il-fehma bil-miktub tal-esperti dwar il-valutazzjoni tal-assi jew tal-obbligi rilevanti.

Taqsim 11: Esternalizzazzjoni

Linja Gwida 60 – Funzjonijiet u attivitajiet operazzjonali kritiċi jew importanti

1.113.L-impriża għandha tiddetermina u tiddokumenta jekk il-funzjoni jew l-attività esternalizzata hijiex funzjoni kritika jew importanti fuq il-bażi ta' jekk din il-funzjoni jew attività hijiex essenzjali għall-operat tal-impriża minħabba li ma tkunx tista' twassal is-servizzi tagħha lid-detenturi tal-poloż mingħajr il-funzjoni jew l-attività.

Linja Gwida 61 - Sottoskrizzjoni

1.114.Meta intermedjarju tal-assigurazzjoni, li ma jkunx impjegat tal-impriża, jingħata l-awtorità li jissottoskrivi negozju jew li jħallas klejms f'isem u akkont ta' impriża, l-impriża għandha tiżgura li l-attività ta' dan l-intermedjarju tkun soġġetta għar-rekwiżiti tal-esternalizzazzjoni.

Linja Gwida 62 - Esternalizzazzjoni fost l-impriżi ta' grupp

1.115.Jekk funzjonijiet jew attivitajiet kritiċi jew importanti jiġu esternalizzati fi ħdan il-grupp, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa għandha tiddokumenta liema funzjonijiet jirrelataw ma' liema entità legali u tiżgura li l-prestazzjoni tal-funzjonijiet jew attivitajiet kritiċi jew importanti kkonċernati fil-livell tal-impriża ma tiddgħajjifx b'tali arranġamenti.

Linja Gwida 63 - Esternalizzazzjoni ta' politika bil-miktub

1.116. L-impriża li testernalizza jew li tikkonsidra li testernalizza għandha tkopri fil-politika tagħha l-approċċ u l-proċessi tal-impriża għall-esternalizzazzjoni mill-bidu sa tmiem il-kuntratt. Din b'mod partikolari għandha tinkludi:

- a) il-kriterji kif tiddetermina jekk funzjoni jew attività hijiex kritika jew importanti;
- b) kif jintgħażel fornitur tas-servizz ta' kwalità adattata u kif u kull meta jiġu vvalutati l-prestazzjoni u r-riżultati tiegħu;
- c) id-dettalji li għandhom jiddaħħlu fil-ftehim bil-miktub mal-fornitur tas-servizz, waqt li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (2015/35);
- d) pjanijiet ta' kontinġenza tan-negozju, inklużi strateġiji ta' ħruġ għal attivitajiet jew funzjonijiet kritiċi jew importanti esternalizzati.

Linja Gwida 64 – Notifika bil-miktub lill-awtorità superviżorja

1.117. Fin-notifika bil-miktub lill-awtorità superviżorja dwar l-esternalizzazzjoni ta' kwalunkwe funzjonijiet jew attivitajiet kritiċi jew importanti, l-impriża għandha tinkludi deskrizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni u tar-razzjonal tal-esternalizzazzjoni u l-isem tal-fornitur tas-servizz. Meta l-esternalizzazzjoni tkun tikkonċerna funzjoni ewlenija, l-informazzjoni għandha tinkludi wkoll isem il-persuna responsabbli mill-funzjoni jew mill-attivitajiet tal-fornitur tas-servizz.

Kapitolu II: Rekwiżiti speċifiċi tal-governanza tal-grupp

Linja Gwida 65 - Responsabbiltajiet għall-istabbiliment ta' rekwiżiti ta' governanza interni

1.118. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja m'hallta li tkun qed tipparteċipa għandha tistabbilixxi rekwiżiti ta' governanza interni adegwati madwar il-grupp adattati għall-istruttura, il-mudell tan-negozju u r-riskji tal-grupp u tal-entitajiet relatati tiegħu, u għandha tikkonsidra l-istruttura u l-organizzazzjoni xierqa għall-ġestjoni tar-riskju fil-livell tal-grupp, billi tistabilixxi allokkazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet fl-entitajiet kollha li jiffurmaw parti mill-grupp.

1.119. L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja m'hallta li tkun qed tipparteċipa m'għandhiex iddgħajjef ir-responsabbiltajiet tal-AMSB ta' kull entità fil-grupp hi u tistabbilixxi s-sistema proprja tagħha ta' governanza.

Linja Gwida 66 – Sistema ta' governanza fil-livell tal-grupp

1.120.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa għandha:

- a) ikollha stabbiliti għodod, proċeduri u linji ta' responsabbiltà u kontabbiltà xierqa u effettivi, li jippermettulha tissorvelja u tmexxi l-funzjonament tal-ġestjoni tar-riskju u s-sistemi ta' kontroll intern fil-livell individwali;
- b) ikollha stabbiliti linji ta' rappurtar fil-grupp u sistemi effettivi li jassiguraw il-flussi ta' informazzjoni fil-grupp minn isfel għal fuq u minn fuq għal isfel;
- c) tiddokumenta u tinforma lill-entitajiet kollha fil-grupp dwar l-għodod użati sabiex tidentifika, tkejjel, tissorvelja, iġġestixxi u tirrapporta r-riskji kollha li għalihom ikun espost il-grupp;
- d) tqis l-interessi tal-entitajiet kollha li jappartjenu għall-grupp u kif dawn l-interessi jikkontribwixxu għall-iskop komuni tal-grupp kollu kemm hu fuq terminu twil.

Linja Gwida 67 - Riskji b'impatt sinifikanti fil-livell tal-grupp

1.121.The participating insurance or reinsurance undertaking, the insurance holding company or the mixed financial holding company should consider in its risk management system the risks both at individual and group level and their interdependencies, in particular:

- a) riskju ta' reputazzjoni u riskji li jinħolqu minn tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp u konċentrazzjonijiet ta' riskju, inklużi riskji li jittieħdu, fil-livell tal-grupp;
- b) interdependenzi bejn ir-riskji li jinħolqu mit-twettiq ta' negozju permezz ta' diversi entitajiet u f'diversi ġurisdizzjonijiet;
- c) riskji li jinħolqu minn entitajiet f'pajjiżi terzi;
- d) riskji li jinħolqu minn entitajiet mhux irregolati;
- e) riskji li jinħolqu minn entitajiet oħrajn irregolati.

Linja Gwida 68 – Konċentrazzjonijiet ta' riskju fil-livell tal-grupp

1.122.The participating insurance or reinsurance undertaking, the insurance holding company or the mixed financial holding company should ensure that there are processes and procedures in place to identify, measure, manage, monitor and report risk concentrations.

Linja Gwida 69 – Tranżazzjonijiet bejn il-membri ta' grupp

1.123.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa għandha tiżgura li s-sistema ta' ġestjoni tar-riskju tal-grupp u tal-impriżi individwali tkun tinkludi proċessi u proċeduri ta' rappurtar għall-

identifikazzjoni, il-kejl, il-monitoraġġ, il-ġestjoni u r-rapportar ta' tranżazzjonijiet bejn il-membri tal-grupp, inklużi tranżazzjonijiet sinifikanti u sinifikanti ferm fi ħdan il-grupp, imsemmija fis-Solvibbiltà II.

Linja Gwida 70 - Ġestjoni tar-riskju tal-grupp

1.124.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa għandha tappoġġja fil-ġestjoni tar-riskju tagħha fil-livell tal-grupp bis-saħħa ta' proċessi u proċeduri xierqa li jidentifikaw, ikejlu, jiġġestixxu, jissorveljaw u jirrapportaw ir-riskji li dak il-grupp u kull entità individwali huma, jew jistgħu jkunu, esposti għalihom.

1.125.L-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni, il-kumpanija azzjonarja tal-assigurazzjoni jew il-kumpanija azzjonarja finanzjarja mħallta li tkun qed tipparteċipa għandha tiżgura li l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-ġestjoni tar-riskju tal-grupp ma jdgħajfux il-kapaċità legali tal-impriża li tissodisfa l-obbligi legali, regolatorji u kuntrattwali tagħha.

Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar

1.126.Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.

1.127.L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.

1.128.L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, b'raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.

1.129.Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u għandhom jiġu rrapportati bħala tali.

Dispożizzjoni Finali dwar ir-Reviżjonijiet

1.130.Dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu suġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.